MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Rikors Numru. 25/2010

**Joseph Gatt, Carmel Gatt, Miriam Gatt, Paul Gatt, William Gatt, Alexandra mart Mark Caruana, u Speranza Gatt f'isimha u bħala kuratriċi ta' Philip Gatt**

***Versus***

**Avukat Ġenerali**

1. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu rimedju għax qegħdin igħidu illi nkiser il-jedd tagħhom imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali minħabba dewmien fi proċeduri ġudizzjarji.
2. L-Avukat Ġenerali ressaq l-eċċezzjoni illi ma huwiex il-kontradittur leġittimu għax "l-ilmenti tar-rikorrenti huma speċifiċi u għaldaqstant a tenur tal-art. 181B(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jridu jiġu indirizzati kontra l-kap tad-dipartiment involut".
3. Din is-sentenza tallum hija dwar din l-eċċezzjoni.

4. Il-konvenut f'din il-kawża huwa l-Gvern ta' Malta u għaldaqstant il-kwistjoni hija jekk f'isem il-gvern għandux jidher l-Avukat Ġenerali jew inkella, ladarba l-ilment huwa dwar dewmien fi proċeduri ġudizzjarji li jitmexxew fil-qrati, għandux jidher il-kap tad-dipartiment responsabbli għall-qrati, li huwa d-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Tribunali Ċivili.

5. Id-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Tribunali Ċivili huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-qrati iżda ma għandu ebda setgħa, u għaldaqstant ebda responsabilità, dwar it-tmexxija tal-proċeduri ġudizzjarji. Għaldaqstant ma jistax iwieġeb għall-ilment tal-atturi.

6. Għalhekk, ladarba minħabba n-natura tat-talba l-azzjoni ma tistax tiġi diretta kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti tal-gvern, huwa l-Avukat Ġenerali li għandu jwieġeb f'isem il-Gvern ta' Malta u kien imħarrek sew.

Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali ma huwiex kontradittur leġittimu, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------